# Rapport Ġenerali 2019 - Sommarju eżekuttiv

**Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà**

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi mhijiex responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.
Numru freephone (*):
**00 800 6 7 8 9 10 11**
(*) Ċerti operaturi tat-telefonija mobbli ma jippermettux aċċess għan-numri 00 800 jew dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas.

**Din hija silta mir-Rapport Annwali tal-ECHA tal-2019.**

**Dan id-dokument ikopri d-Daħla u s-Sommarju eżekuttiv tar-rapport.**

Ir-rapport sħiħ hu disponibbli bl-Ingliż fuq:
echa.europa.eu/about-us/the-way-we-work/plans-and-reports

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (http://europa.eu).

**Rapport Annwali 2019 - Sommarju eżekuttiv**

**Referenza:** ECHA-20-B-06-MT
**ISBN:** 978-92-9481-622-1
**Numru tal-Kat.:** ED-BG-20-001-MT-N
**DOI:** 10.2823/630901
**ISSN:** 2363-0027
**Data tal-pubblikazzjoni:** Ġunju 2020
**Lingwa:** MT
© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2020
Paġna ta' quddiem © L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew kummenti fir-rigward ta' dan id-dokument, jekk jogħġbok ibgħathom (ikkwota r-referenza u d-data tal-ħruġ) billi tuża l-formola ta' talba għal informazzjoni. Tista' taċċessa l-formola ta' talba għal informazzjoni permezz tal-paġna ta' Kuntatt tal-ECHA f': http://echa.europa.eu/contact

**L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi**

P.O. Box 400, FI-00121 Helsinki, Finland

# Kelmtejn ta' qabel

L-ECHA bdiet l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tagħha ta' ħames snin fl-2019 b'enfasi fuq il-proċessi regolatorji ewlenin tagħha, u timmassimizza l-impatt tagħha u twitti l-bażi għall-futur fit-tul tagħha.

Biex nappoġġjaw dan, irristrutturajna l-Aġenzija fil-bidu tas-sena billi laqqajna flimkien u allinjajna l-kompetenzi tal-persunal u l-kompiti operattivi biex nikkapitalizzaw fuq il-kisbiet fl-effiċjenza u nagħmlu x-xogħol tagħna biex iħalli impatt ikbar. B'riżultat ta' dan, l-Aġenzija qed taħdem b'livelli ogħla ta' kooperazzjoni u impenn tal-persunal li jirriżultaw fi progress reali u sostanzjali fix-xogħol li nagħmlu ma' sħabna biex niżguraw li s-sustanzi kimiċi jintużaw b'mod sikur.

Aktar minn 300 kontroll sħiħ tal-konformità li twettqu s-sena l-oħra jagħtu eżempju tal-effiċjenzi li ksibna billi pprijoritizzajna u ssimplifikajna t-teħid tad-deċiżjonijiet. Dan huwa qasam li se nkomplu nipprijoritizzaw fis-snin li ġejjin: il-verifika ta' kemm ir-reġistranti jippreżentaw *data* li tissodisfa r-rekwiżiti ta' informazzjoni hija meħtieġa sabiex jiġi konkluż jekk is-sustanzi humiex sikuri jew ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent u sabiex jinbdew miżuri ta' mmaniġġjar tar-riskji fejn meħtieġ.

Din il-ħidma ssegwi t-tieni Reviżjoni tar-REACH mill-Kummissjoni Ewropea, u flimkien stabbilejna Pjan ta' Azzjoni ambizzjuż ta' Evalwazzjoni Konġunta. Il-pjan jipprevedi li, sal-2027, l-Aġenzija se tkun eżaminat ir-reġistrazzjonijiet kollha bejn 1 u 100 tunnellata sottomessi sal-iskadenza finali tar-reġistrazzjoni, u li l-konformità tas-sustanzi kollha fejn il-lakuni fid-*data* ma jippermettulniex li nikkonkludu dwar tħassib possibbli, tkun ġiet ivverifikata.

Għal sustanzi ta' tħassib serju ħafna, il-proċess ta' awtorizzazzjoni huwa għodda importanti u li għandha impatt kbir għall-ġestjoni tar-riskji. Fl-2019, irċevejna gwida dwar il-proċess ta' awtorizzazzjoni mill-Qorti Ġenerali u segwejna r-rispons mill-partijiet interessati tagħna u l-Parlament Ewropew. Il-Bord tat-Tmexxija kellu rwol attiv fl-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' firxa ta' azzjonijiet ta' titjib. B'riżultat ta' dan, issa hemm formati riveduti dwar kif il-kumitati tal-ECHA għandhom jippreżentaw l-opinjonijiet tagħhom, bil-għan li jagħmluhom aktar konċiżi u konsistenti.

Għall-bijoċidi, żviluppajna pjan ta' azzjoni biex b'mod proattiv jiġi aċċellerat mill-ġdid il-Programm ta' Reviżjoni. Il-pjan jipproponi li tingħata prijorità lis-sustanzi, li jingħata appoġġ lill-Istati Membri, u li jiġu ssimplifikati l-valutazzjonijiet u r-rieżami bejn il-pari.

L-ECHA għamlet ukoll progress sinifikanti fit-teħid ta' kompiti ġodda: l-iżvilupp ta' bażi tad-*data* għal sustanzi ta' tħassib serju ħafna fl-oġġetti, il-preparazzjoni biex jitnieda servizz online li jagħti lill-kumpaniji ħarsa ġenerali lejn il-leġiżlazzjoni tal-UE rilevanti għas-sustanzi tagħhom (EUCLEF), u t-tħejjija biex jiġu vvalutati s-sustanzi li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb.



*Irristrutturajna l-Aġenzija fil-bidu tas-sena fejn laqqajna flimkien u allinjajna il-kompetenzi tal-persunal u l-kompiti operattivi biex nikkapitalizzaw fuq il-kisbiet fl-effiċjenza u nagħmlu x-xogħol tagħna li jħalli impatt ikbar.*

Bjorn HANSEN
Direttur Eżekuttiv



*Sabiex l-ECHA twettaq il-mandat legali dejjem jikber tagħha u l-viżjoni tagħha hemm bżonn li jiġi identifikat u vvalutat minn qabel liema rekwiżiti tar-riżorsi huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-Aġenzija jkollha l-mezzi biex twettaq il-kompiti l-ġodda kollha.*

Sharon McGUINNESS

President tal-Bord tat-Tmexxija

L-integrazzjoni mingħajr xkiel ta' dawn il-mandati u l-kompiti leġiżlattivi l-ġodda fil-portafoll dejjem jikber tal-Aġenzija hija inkoraġġanti u turi li l-ECHA qiegħda twettaq il-viżjoni tagħha biex tkun iċ-ċentru tal-għarfien dwar il-ġestjoni sostenibbli tas-sustanzi kimiċi, li jservi firxa wiesgħa ta' politiki tal-UE u inizjattivi globali, għall-benefiċċju taċ-ċittadini u l-ambjent.

Madankollu, sabiex l-ECHA twettaq il-mandat legali dejjem jikber tagħha u l-viżjoni tagħha hemm bżonn li tidentifika u tivvaluta minn qabel liema rekwiżiti tar-riżorsi huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-Aġenzija jkollha l-mezzi biex twettaq il-kompiti l-ġodda kollha.

F'nofs it-terminu, il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss tal-UE u l-inċertezza li għad fadal dwar l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-ħruġ tar-Renju Unit jeħtieġu l-attenzjoni tagħna.

Bl-organizzazzjoni l-ġdida u l-persunal impenjat tagħna, nemmnu li aħna ppreparati għas-snin li ġejjin. L-aġenda politika tal-UE, b'mod aktar espliċitu l-Patt Ekoloġiku tal-Kummissjoni u l-Istrateġija futura dwar is-Sustanzi Kimiċi huma oqsma li l-ECHA tista' u se tikkontribwixxi u żżid il-valur tagħhom – abbażi ta' dak li ksibna mhux biss fl-2019 iżda matul l-aħħar 12-il sena.



*Ħidma għall-użu sikur tas-sustanzi kimiċi*

# Sommarju eżekuttiv

*L-2019 immarkat il-bidu ta' prijoritajiet politiċi ġodda bil-Patt Ekoloġiku għall-Ewropa, l-istrateġija ta' tkabbir għall-Ewropa, fil-qafas tal-Kummissjoni ta' von der Leyen, il-bidu tal-pjan strateġiku ta' ħames snin tal-ECHA għat-titjib tas-sigurtà kimika, it-tħejjijiet għaċ-ċaqliq lejn bini ġdid għall-Aġenzija u l-inċertezza għall-partijiet interessati tal-ECHA relatati mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE.*

B'kontribut siewi mit-tieni Reviżjoni tar-REACH[1], aħna ffukajna l-prijoritajiet tagħna fuq fejn huma l-aktar importanti għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-prevenzjoni tal-ħsara lill-ambjent. Dan ifforma **l-pjan strateġiku l-ġdid tal-ECHA għall-2019-2023** bit-tliet prijoritajiet strateġiċi tiegħu ffaċilitati mill-kompetenzi tal-persunal u d-*data* miżmuma mill-Aġenzija.

FIGURA 1: Il-missjoni, il-viżjoni u l-valuri tal-ECHA




Taħt l-ewwel prijorità, aħna nimplimentaw il-kompiti tagħna, nintegrawhom fil-ħidma tagħna u nagħmlu dan b'mod konsistenti. Taħt it-tieni prijorità, nużaw il-kompiti tagħna biex inrawmu użu aktar sikur u sostenibbli tas-sustanzi kimiċi mill-industrija. U, taħt it-tielet prijorità, niżguraw il-konsistenza tal-kompiti tagħna ma' dik ta' leġiżlazzjoni oħra tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi u nipprovdu appoġġ xjentifiku u tekniku għal attivitajiet

1 Rapport Ġenerali tal-Kummissjoni dwar l-operat tar-REACH u rieżami ta' ċerti elementi, COM(2018) 116 final

internazzjonali. Il-kisbiet fit-tliet oqsma kollha jappoġġjaw il-progress lejn l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti[2].

Dawn juru:

- linja bażi robusta fl-identifikazzjoni ta' liema sustanzi jeħtieġu aktar ħidma biex jiġu ġestiti r-riskji assoċjati magħhom;
- sustanzi li għalihom neħtieġu aktar informazzjoni;
- kif l-industrija qed tieħu passi 'l quddiem biex tiżgura l-użu sikur u sostenibbli tas-sustanzi kimiċi; u
- fejn l-Aġenzija tat kontribut għal livell ogħla ta' koerenza għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi.

Ir-riorganizzazzjoni tagħna daħlet fis-seħħ fl-2019 u ġabet il-proċessi eqreb lejn xulxin, filwaqt li kkapitalizzat fuq il-kisbiet fl-effiċjenza, u ppermettiet li l-ECHA jkollha aktar impatt[3]. B'dan il-mod, l-ECHA wriet li hija aġili u kapaċi twettaq bidliet organizzattivi sinifikanti ħafna. Bir-riżorsi limitati disponibbli għall-Aġenzija, kellna nċaqalqu r-riżorsi għal xogħol ta' prijorità, l-aktar għall-identifikazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji ta' sustanzi ta' tħassib (prijorità strateġika 1), li jfisser li kellna inqas riżorsi x'nallokaw għal oqsma oħra ta' prijorità.

## Riżultati dwar il-prijoritajiet strateġiċi

### L-identifikazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji ta' sustanzi ta' tħassib

Il-ħidma ta' skrinjar u prijoritizzazzjoni tal-ECHA għal aktar minn 21,000 sustanza[4] turi progress tajjeb lejn l-aċċellerazzjoni tal-ġenerazzjoni tad-*data*, l-identifikazzjoni ta' u l-azzjoni regolatorja fuq sustanzi kimiċi ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. Mill-2020, se nkunu nistgħu nqabblu r-riżultati u nirrapportaw dwar il-progress li sar maċ-ċifri tal-2019 bħala linja bażi.

Is-sustanzi fil-meded ta' tunnellaġġ ogħla li għadhom ma ġewx assenjati se jiġu allokati lil grupp ta' prijorità speċifiku bbażat fuq jekk humiex ta' prijorità għall-immaniġġjar regolatorju tar-riskji; attwalment ta' prijorità baxxa għal azzjoni regolatorja ulterjuri; jew jeħtieġu aktar *data* biex tittieħed deċiżjoni. Fejn tkun meħtieġa aktar *data*, is-sustanzi jgħaddu minn valutazzjoni tad-dossier jew tas-sustanza. Bħalissa, hemm madwar 1,500 sustanza rreġistrata iktar minn 100 tunnellata fis-sena li jeħtieġu aktar *data* qabel ma l-awtoritajiet ikunu jistgħu jallokawhom lil grupp[5].

Matul l-2019, tmien sustanzi oħra ġew identifikati u inklużi fil-Lista ta' Kandidati ta' sustanzi għall-inklużjoni eventwali fil-Lista ta' Awtorizzazzjoni. L-ECHA rrakkomandat ukoll 18-il sustanza biex il-Kummissjoni tinkludihom fil-lista ta' Awtorizzazzjoni. Bi tliet proposti għal restrizzjoni mressqa mill-Istati Membri u l-ECHA, u restrizzjoni waħda li qed tiġi adottata mill-Kummissjoni, sar progress tanġibbli fit-titjib tal-immaniġġjar tar-riskji fl-UE. Fl-aħħar nett, il-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) adotta 51 opinjoni dwar id-dossiers tal-klassifikazzjoni u t-tikkettar.

### L-użu sikur u sostenibbli tas-sustanzi kimiċi mill-industrija

L-istabbiliment ta' komunikazzjoni effettiva 'l fuq u 'l isfel fil-katina tal-provvista huwa kruċjali biex jiġi żgurat l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi. L-ECHA ħadmet mal-partijiet interessati ewlenin biex tidentifika t-titjib meħtieġ fis-sistema attwali għall-forniment ta' informazzjoni dwar is-sikurezza adattata għall-iskop tagħha dwar sustanzi u perikolużi taħlitiet. Il-ħidma tagħna ġiet approvata mill-partijiet interessati ewlenin tal-politika u qed nimxu għall-fażi tal-iżvilupp. Dawn il-bidliet għandhom l-għan ukoll li jgħinu lill-kumpaniji jagħmlu użu minn din l-informazzjoni biex jissodisfaw b'mod effettiv l-obbligi tagħhom taħt il-leġiżlazzjoni relatata dwar is-sikurezza

2 https://www.un.org/sustainabledevelopment/sustainable-development-goals
3 Ara aktar: L-ixprunaturi tax-xogħol u l-indikaturi tal-prestazzjoni tal-mudell tal-ġestjoni tal-prestazzjoni tal-ECHA (Appendiċi I).
4 Ara aktar fit-taqsima "Il-Ġenerazzjoni, il-monitoraġġ u r-regolamentazzjoni ta' informazzjoni li hija importanti dwar gruppi ta' sustanzi kimiċi ta' tħassib".
5 Ir-rapport annwali tal-ECHA dwar l-Istrateġija Regolatorja Integrata jipprovdi informazzjoni ddettaljata.

okkupazzjonali, is-saħħa u l-ambjent.

**L-immaniġġjar sostenibbli tas-sustanzi kimiċi permezz tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE**

Il-ħidma lejn dan l-objettiv uriet kif l-informazzjoni, l-għarfien u l-kompetenzi tal-ECHA dwar l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Dan irriżulta f'sinerġiji kemm internament meta jiġu implimentati kompiti regolatorji ġodda kif ukoll esternament f'kooperazzjoni mas-sħab. Bl-integrazzjoni ta' kompiti ġodda fil-portafoll tagħna, bħall-bażi tad-*data* SCIP jew preparazzjonijiet għall-valutazzjoni ta' sustanzi użati f'materjali li jistgħu jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb, aħna wrejna li għandna l-kompetenza u l-għarfien biex ningranaw l-esperjenza miksuba permezz ta' ħidma mar-REACH, CLP, BPR, PIC u POPs. L-ECHA tista' tapplika l-għarfien tagħha f'oqsma ġodda filwaqt li terġa' tuża l-pjattaformi eżistenti tal-IT, u b'hekk toħloq ekonomiji ta' skala. Inbdew proġetti fit-tul, bħall-kondiviżjoni tal-IUCLID bħala servizz mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA).

L-ECHA pprovdiet appoġġ għal żmien qasir lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel għas-servizzi tal-protezzjoni tad-*data* u r-rieżami bejn il-pari tar-riskji komuni mal-aġenziji ambjentali tal-UE dwar kooperazzjoni intensifikata u l-iskambju ta' prattiki tajba.

L-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-ECHA jappoġġjaw l-immaniġġjar sostenibbli tas-sustanzi kimiċi fuq livell globali. Bdejna niżviluppaw approċċ sistematiku għall-bini tal-kapaċità f'pajjiżi terzi li jgħinhom jiżviluppaw sistemi ta' mmaniġġjar tas-sustanzi kimiċi li jistgħu jibbenefikaw mill-immaniġġjar Ewropej tas-sustanzi kimiċi u mill-approċċi ta' valutazzjoni tar-riskju.

B'mod ġenerali, aħna wettaqna b'mod effiċjenti u effettiv il-kompiti tagħna taħt REACH, CLP, BPR, PIC u POPs flimkien ma' oqsma ġodda ta' ħidma dwar ċentri tal-avvelenament, limiti tal-espożizzjoni fuq ix-xogħol, id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, il-Punt ta' Aċċess Ċentrali għal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-Sustanzi Kimiċi u l-Osservatorju tal-UE dwar in-Nanomaterjali.

FIGURA 2: L-oqsma l-ġodda ta' ħidma tal-ECHA matul is-snin




Għall-2019, identifikajna **l-oqsma operattivi ewlenin tal-kisbiet li ġejjin**:

- Aħna indirizzajna l-informazzjoni mhux konformi dwar is-sustanzi kimiċi b'mod dirett u żammejna kont tal-progress sinifikanti fil-ġenerazzjoni tat-tagħrif meħtieġ dwar il-periklu. Aħna ħaffifna l-valutazzjoni tad-dossier u daħħalna fis-seħħ aktar miżuri biex inżidu l-perċentwal tad-dossiers li niċċekkjaw. Għamilna 50 % aktar verifiki tal-konformità sħiħa[6] tas-sustanzi meta mqabbla mal-2018. Għamilna 301 kontroll sħiħ li jkopru 274 sustanza unika u 89 kontroll immirat fuq 64 sustanza unika. Il-kontrolli sħaħ iffukaw fuq l-effetti fit-tul tas-sustanzi kimiċi, bl-aktar li jitwettqu għall-proprjetajiet li huma importanti għas-saħħa, bħall-mutaġeniċità u t-tossiċità fl-iżvilupp prenatali, u għall-ambjent, bħat-tossiċità akwatika fit-tul. Bil-Pjan ta' Azzjoni ta' Evalwazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u l-ECHA[7], ħejjejna l-bażi biex niksbu informazzjoni dwar sustanzi fejn mhuwiex ċar jekk humiex sikuri jew le.

- L-ECHA ħadet passi biex tiċċara kif il-kumpaniji japplikaw għall-awtorizzazzjoni biex ikomplu jikkummerċjalizzaw u jużaw is-sustanzi tagħhom ladarba jkunu elenkati fil-Lista ta' Awtorizzazzjoni. Dan jinkludi l-ispjegazzjoni lill-applikanti meta jkollhom bżonn jipprovdu pjanijiet ta' sostituzzjoni u l-iżvilupp ta' opinjonijiet aktar konsistenti u konċiżi li jiddefinixxu l-limiti tal-opinjonijiet xjentifiċi tal-kumitati tal-ECHA. Bdejna ndaħħlu fil-prattika dawn il-formati tal-opinjonijiet u adattajna l-prattiki ta' ħidma tagħna biex nippermettu li jiġu pproċessati għadd kbir ta' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, filwaqt li niżguraw kontroll xieraq tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, u li s-sustanzi ta' tħassib serju ħafna jiġu sostitwiti b'alternattivi aktar sikuri.

- Fl-2019, l-ECHA ħadmet fuq erba' restrizzjonijiet li jippermettulna li nilħqu l-mira tagħna dwar kif qegħdin nindirizzaw ir-riskju għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. Hemm żewġ każijiet pendenti. L-ewwel nett, jista' jkun hemm alternattivi aktar intelliġenti għall-mikroplastiċi li jiżdiedu intenzjonalment ma' xi prodotti u li fl-aħħar mill-aħħar jiġu rilaxxati fl-ambjent f'volumi kbar fejn jibqgħu għal żmien twil ħafna. It-tieni nett,

*infobox*

## IL-PATT EKOLOĠIKU TAL-KUMMISSJONI – APPOĠĠ TAL-ECHA

Il-Patt Ekoloġiku tal-Kummissjoni jagħti direzzjoni dwar kif għandha tikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità tal-arja u tal-ilma, għat-tnaqqis tar-riskji ta' sustanzi kimiċi perikolużi, l-emissjonijiet industrijali, il-pestiċidi u l-interferenti endokrinali kif ukoll Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

Il-bażi ta' għarfien tal-ECHA u l-ħidma ta' kwalità għolja, xjentifika u operattiva kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tagħha jipprovdu bażi għall-appoġġ tal-innovazzjoni sostenibbli li se tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku. Dan jista' jkun f'oqsma kritiċi, bħall-ekonomija ċirkolari, is-sostenibbiltà, it-tibdil fil-klima jew l-iżgurar ta' ambjent mingħajr tossiċità.

Fl-2019, aħna stipulajna kif l-ECHA tista' tappoġġa b'mod strateġiku lill-Kummissjoni għall-Patt Ekoloġiku. Aħna nemmnu li l-ħidma tagħna tista' twassal għal sinerġiji u effiċjenzi fil-kompiti xjentifiċi u tekniċi skont diversi liġijiet tal-UE. Dan mhux biss jissimplifika iżda jsaħħaħ ukoll il-qafas legali billi:

- iġib trasparenza dwar kif l-UE tilleġiżla b'mod koerenti s-sikurezza tas-sustanzi kimiċi u tal-prodotti fl-Ewropa;
- jevalwa l-applikazzjoni potenzjali ta' approċċ ta' 'sustanza waħda – valutazzjoni waħda';
- jivvaluta gruppi ta' sustanzi kimiċi simili sabiex jitħaffef l-immaniġġjar tar-riskji u tiżdied il-konsistenza; u
- jistabbilixxi l-ħidma xjentifika tal-ECHA bħala l-bażi għad-definizzjoni ta' valuri sikuri għas-sustanzi kimiċi u għall-protezzjoni tal-ħaddiema mill-kanċer u minn effetti oħra ta' ħsara.

L-ECHA jista' jkollha rwol aktar b'saħħtu fil-promozzjoni tal-kompetittività tal-industrija Ewropea, billi tassumi pożizzjoni aktar b'saħħitha dwar l-iċċekkjar u l-kontroll sabiex il-liġijiet dwar is-sikurezza kimika jiġu segwiti u mħarsa fil-fruntieri tal-UE, pereżempju, billi taqsam l-informazzjoni mal-awtoritajiet doganali.

6 Kontroll tal-konformità sħiħ jiffoka fuq l-aktar rekwiżiti ta' informazzjoni rilevanti għall-identifikazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib. Kontrolli bħal dawn ikopru bħala minimu ġenotossiċità, tossiċità b'doża ripetuta, tossiċità fl-iżvilupp prenatali, tossiċità għar-riproduzzjoni, karċinoġeniċità, tossiċità akwatika fit-tul, bijodegradazzjoni u bijoakkumulazzjoni.

7 https://echa.europa.eu/documents/10162/21877836/final_echa_com_reach_evaluation_action_plan_en

il-proposta li jiġu ristretti s-sustanzi kimiċi perikolużi fil-linka tat-tatwaġġi u fil-make-up permanenti għandha l-għan li tnaqqas ir-riskju tal-kanċer, kif ukoll l-effetti negattivi fuq il-fertilità u l-irritazzjoni tal-ġilda.

- Fid-dawl tad-dewmien fil-livell tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' reviżjoni għas-sustanzi attivi bijoċidali, l-ECHA żviluppat pjan ta' azzjoni bl-għan li żżid l-għadd ta' dossiers sottomessi għal rieżami bejn il-pari mill-Istati Membri. Bħala parti minn dan il-pjan ta' azzjoni, l-ECHA żiedet il-kollaborazzjoni mal-Istati Membri u tipprovdihom b'appoġġ konkret biex jiffinalizzaw id-dossiers tagħhom għat-teħid tad-deċiżjonijiet.
- L-ECHA ffurmat qafas biex tieħu f'idha kompiti ġodda, bħal pereżempju l-Punt ta' aċċess ċentrali għal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-Sustanzi Kimiċi u bħalissa, pereżempju, il-kompiti ad hoc għal-limiti ta' esponiment fuq ix-xogħol. Dan il-qafas iqis kemm tista' tagħmel dan tajjeb abbażi tal-kapaċitajiet u l-istrutturi eżistenti u kemm kompiti ġodda jistgħu jiġu integrati tajjeb fl-attivitajiet tal-ECHA biex jappoġġjaw approċċ aktar olistiku għal sustanzi kimiċi aktar sikuri.
- Il-Bord tat-Tmexxija wettaq reviżjoni komprensiva tal-funzjonament u l-modi ta' ħidma tiegħu, biex ikompli jipprovdi direzzjoni strateġika u governanza b'saħħitha lill-Aġenzija.
- Irrivedejna l-Istrateġija u l-Qafas tas-Sistema Integrata ta' ġestjoni biex nappoġġjaw lill-Aġenzija biex twettaq il-prijoritajiet strateġiċi tagħha b'mod aktar koerenti. L-istrateġija tistabbilixxi impenji ta' livell għoli li se jidderieġu lill-Aġenzija fis-snin li ġejjin, kif ukoll jikkonsolidaw u jintegraw l-elementi differenti tas-sistema ta' ġestjoni tal-ECHA.

L-istruttura organizzattiva l-ġdida introdotta fil-bidu tal-2019 żiedet l-interkonnettività tagħna u ffaċilitat modi aktar kollaborattivi ta' ħidma, filwaqt li l-fokus tagħna mexa għall-kompetenzi eżistenti tagħna f'kompiti fejn żviluppajna sinerġiji matul l-aħħar snin. Ġie investit ammont sinifikanti ta' riżorsi fl-analiżi tal-istruttura tagħna u s-sejba ta' modi biex din tittejjeb biex taqdi aħjar il-ħtiġijiet tal-partijiet interessati tagħna.

Peress li l-konsumaturi qed isiru dejjem aktar konxji tal-effetti li s-sustanzi kimiċi għandhom fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum, żviluppajna l-istrateġija ta' komunikazzjoni tagħna biex tgħinna nilħqu udjenzi interessati u nissodisfaw il-ħtiġijiet tal-partijiet interessati tagħna b'informazzjoni bbażata fuq il-fatti b'lingwa rilevanti u faċli biex tintuża.

Bħala ċentru ta' għarfien dwar is-sikurezza tas-sustanzi kimiċi u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, l-istrateġija tiggwida l-ħolqien ta' kontenut li se jiġi miġbur mill-midja prinċipali u mill-udjenzi interessati, u mkattar, bit-tixrid tal-għarfien dwar il-ħidma importanti li nwettqu.

aġenzija ewropea għas-sustanzi kimiċi
p.o. box 400,
fi-00121 helsinki, finland
echa.europa.eu